**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-30 ta' Mejju, 2019**

**Talba Numru: 549/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 26**

**Big Exhibits Ltd (C43597)**

**MRA 048C**

**Marsa Industrial Estate**

**Marsa**

**Vs**

**Windmill Services Limited (C72144)**

**MRA 053**

**Marsa Industrial Estate**

**Marsa**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta attrici prezentat fl-04 ta' Dicembru 2017 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi ordnata thallasha s-somma ta' tlett elef mija u erbgha u sittin ewo (€3,164) inkluz il-VAT rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta minnha ghas-servizzi rezi kif ukoll ghal materjal fornut lilha skont l-istruzzjonijiet taghha stess.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta a fol 12 li permezz taghha eccepiet li s-socjeta' attrici taf ben tajjeb li l-ftehim li kellha mas-socjeta' konvenuta kienet li jipprovdu servizz il-kumpanija Valletta Cruise Port plc li filwaqt li l-ordni ghax-xoghol saret mal-kumpanija intimata l-ftehim bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta kienet maghrufa fl-intier taghha li s-socjeta' Valletta Cruise Port plc arbitrarjament iddecidet li twaqqaf il-hlasijiet fuq il-progett in vista li l-ammont riklamat (provdut mis-socjeta' attrici u mertu esklussiv ta' din il-kawza tramite s-socjeta' intimata) allegatament huma prezzijiet ferm aktar gholjin mill-prezz tas-suq u dan kif sejjer jigi spjegat ahjar fil-mori tal-kawza, li in vista t'hekk anke rappresentanti tas-socjeta' attrici kellhom jaghmlu kuntatt tal-kumpaniji ta' Valletta Cruise Port plc sabiex din il-kwistjoni tigi risolta u dan anke in vista tal-ftehim li kien hemm bejn il-kumpanija attrici u dik intimata.

Ra l-affidavit ta' Jean Pierre Mizzi Direttur tas-socjeta' attrici (fol 15 et) u li kienet is-socjeta' konvenuta li inkarigatha tohrog stejjem ghad-disinn u provista tal-materjal ghal zewg progetti li kienet hadet l-istess socjeta' konvenuta. Hekk sar u l-prezz ghal dan ix-xoghol kien ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) eskluz il-VAT liema xoghol kien jikkonsisti f' pannelli li gew istallati gewwa l-Valletta Cruise Port gewwa Valletta da parti tas-socjeta' intimata. Gara li meta fil-15 ta' Marzu, 2016 xi rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu accedew fuq is-sit fejn kienu ser jigu stallati dawn il-pannelli indunaw li l-qisien tal-hitan kienu differenti minn dawk li kienu gew provduti lilhom originarjament u ghalhekk kellhom jipprovdu numru ta' pannelli addizzjonali sabiex ikunu jistghu jghattu l-hitan kollha skont l-istruzzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta. L-istima riveduta kienet ta' sitt elef ewro (€6,000). Wara li certu Mario mis-socjeta' konvenuta talab skont fuq il-kont ftehmu fuq riduzzjoni ta' hames mitt ewro (€500) u li ghalhekk l-ammont huwa ta' sitt elef erba' mija u disghin ewro (€6,490) inkluz il-VAT (fol32). Dan gara fit-18 ta' Marzu, 2018. Is-socjeta' konvenuta hallset elfejn u hames mitt ewro (€2,500) akkont fit-28 ta' Marzu, 2016.

Xi ftit zmien wara l-istess Mario ghas-socjeta' intimata kien inkariga lis-socjeta' attrici tipprovdi numru ta' pannelli addizzjonali u sar access fuq is-sit in kwistjoni fis-07 ta' April, 2016 u l-ghada huma baghtu stima u l-partijiet ftehmu fuq skont fuq l-ammont u l-ammont gie ridott ghal sitt mitt ewro (€600) plus VAT li skont fol 32 jammonta ghal seba'

mija u tmien mitt ewro (€708). Illi ghalhekk il-bilanc dovut huwa ta' tlett elef mija u erbgha u sittin ewro (€3,164.00).

A fol 38 et Grazio Debono Project Supervisor mas-socjeta' konvenuta jammetti kellhom kuntratt t' appalt ta' xoghol ma' Valletta Cruise Port plc u anke xoghol ta' cladding izda peress li s-socjeta' konvenuta ma taghmilx dan ix-xoghol Valletta Cruise Port plc talbuhom biex iqabdu lil addiehor jaghmel dan ix-xoghol. Huwa mar personalment il-fabbrika tas-socjeta' attrici u rranga mas-socjeta' attrici u l-istima kienet ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500). Huma rawha naqra gholja u Jean Pierre Mizzi tas-socjeta' attrici qallu li jekk ikun hemm problema fuq l-prezz huwa kien ikellem lil Karl Azzopardi CEO tal-Valletta Cruise Port plc u qallu biex ihalli f'idejh. Mizzi qallu biex il-quotation jghadduha lil Valletta Cruise Port plc u Debono qallu li l-flus li jdahhlu mix-xoghol ta' cladding jaghtuh direttament lilu. Gara li Karl Azzopardi ta' Valletta Cruise Port plc qallhom li ma kien ser ihallas aktar minn tlett elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u tmenin centezmu (€3,688.80c) u hekk ghamel u dan l-ammont huma ghaddewh lis-socjeta' attrici. Huwa ha stima tal-istess xoghol ta' cladding minghand ditta ohra bl-isem ta' Servgroup u tawh quotation ta' tlett elef u erba' ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€3,004.28c) u meta kellem lil Jean Pierre Mizzi huwa qallu li ser ikellem lil Karl Azzopardi u ser jirranga mieghu fuq il-prezz.

Charles Carmel Camilleri, Front Desk Manager mas-socjeta' konvenuta (fol 40 et) xehed li huwa hareg l-invoices lil Valletta Cruise Port plc u li Karl Azzopardi kien qallhom li l-prezz tal-cladding kien gholi u li ma kien ser ihallas aktar minn tlett elef sitt mija u tmienja u sittin ewro u tmenin centezmu (€3,668.80c). Huwa ammetta li l-ftehim mas-socjeta' attrici fuq dan i-xoghol kien li jsir depozitu ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) u li jaghmlulhom xi xoghol ta' tpartit. Huwa hareg l-invoice tat-tpartit u din tammonta ghal elf hames mija u erbgha u tletin ewro (€1,534). Huwa kkonferma li kien Jean Pierre Mizzi tas-socjeta' attrici li kellu jmur jara kif ser jigbor id-differenza tal-flus mhux imhallsa minn Valletta Cruise Port plc lil Windmill Services Limited ghal quotation li kienet harget originalment. Huwa xehed li kien prezenti meta Carmel Abela u Jean Pierre Mizzi li permezz tieghu Mizzi hallas seba' mitt ewro (€700) tal-invoice Dok WS2 u s-socjeta' konvenuta tohroglu credit note ta' tlett mitt ewro (€300) u l-kwistjonijiet ta' bejniethom

jkunu rizolti. Hekk sar cioe' li s-socjeta' konvenuta harget din il-credit note u s-socjeta' attrici harget cheque favur is-socjeta' konvenuta ta' seba' mitt ewro (€700).

A fol 42 Carmel Abela, Direttur tas-socjeta' konvenuta xehed li meta sar jaf li s-socjeta' attrici qeghda lura fil-pagamenti huwa talab meeting ma' Jean Pierre Mizzi u Mizzi ammeta mieghu li l-ftehim kien li huwa jkellem lil Karl Azzopardi tal-Valletta Cruise Port plc peress li kien qal li jafu. Grazio Debono li kien prezenti ghal-laqgha fakkar lil Mizzi li l-Valletta Cruise Port Terminal kienet rat il-kont gholi u li Mizzi kien qallhom biex ihallu f'idejh u kien ser jaraha hu. Kien sar meeting iehor u ftehmu li s-socjeta' attrici thallas seba' mitt ewro (€700) ghal invoice pendenti u huma johorgu credit note ta' tlett mitt ewro (€300) u l-kwistjonijiet ta' bejniethom jkunu rizolti kollha. Il-ftehim kien ikopri wkoll li Mizzi kellu jkellem lil Karl Azzopardi ta' Valletta Cruise Port plc biex id-differenza ta' hlas li ma sarx tal-cladding tigi imhalsa lil Windmill Services Limited u din tghaddi l-pagament lil kumpanija attrici.

A fol 57 et Andre Parnis in rapprezentanza ta' Valletta Cruise Port xehed li huma kienu inkarigaw lis-socjeta' konvenuta biex jaghmlu xoghol ta' cladding u xoghol ta' aluminium services. Mistoqsi jekk ix-xoghol ta' cladding sarx minn terzi Parnis wiegeb li ma jafx. Huwa kkonferma li r-relazzjoni taghom kienet mas-socjeta konvenuta u huma halsuhom anke tal-cladding fl-ammont ta' tnax-il elf disa' mija u sebgha u tletin ewro (€12,937) u li tal-cladding huma thallsu tlett elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro (€3,688) minghajr VAT. Huwa cahad li kellhom xi forma ta' relazzjoni ghal rigward ta' dawn ix-xogholijiet mas-socjeta' attrici.

Ra l-verbal a 35 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi u dak a fol 56 li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Semgha lil partijiet jitrattaw il-kawza li permezz tieghu s-socjeta' attrici tikkontendi li r-relazzjoni taghha hija mas-socjeta' konvenuta u dan gie konfermat mill-Valletta Cruise Port Terminal plc li s-socjeta' konvenuta ghax ma thallsitx hi ma ghandhiex thallas lis-socjeta' attrici u li l-fatt li ma sarx kontro ezami lid-Direttur tas-socjeta' attrici ifisser li l-verzjoni tieghu giet accettata filwaqt li s-socjeta' konvenuta tikkontendi li l-ftehim kien li

dak li ddahhal s-socjeta' konvenuta tghaddih lis-socjeta' attrici u li kif huma ghaddew il-kont lil terzi dawn rawh gholi u ma hallsux kollox.

**Konsiderazzjonijiet**

F'din il-kawza is-socjeta' konvenuta inkarigat lis-socjeta' attrici taghmlilha xoghol ta' cladding liema xoghol kellu jigi stallat fil-Valletta Cruise Port Terminal plc. Il-partijiet ftehmu fuq l-prezz u l-invoices hargu fit-28 ta' Marzu, 2018 u s-socjeta' konvenuta harget cheque l-ghada stess ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) (fol 28). Il-bilanc dovut is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallsu stante li qed tikkontendi li l-ftehim kien li l-hlas isir kif is-socjeta' konvenuta tithallas mill-Valletta Cruise Port Terminal plc u gara li din is-socjeta' meta rat il-kont tas-socjeta' attrici dehrilha li kien ghali u ggustifikat dan permezz ta' quotation ta' terzi u ghalhekk hallset biss lis-socjeta' konvenuta skont din il-quotation fl-ammont ta' tlett elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u tmenin centezmu (€3,688.80c). Is-socjeta' konvenuta ssostni li s-socjeta' attrici kienet obbligat ruhha li tiehu hsieb hi din l-pendenza mal-Valletta Cruise Port Terminal u meta wara ndunat li s-socjeta' attrici kien ghad baqghalha thallasha ghal xogholijiet ohra saret laqgha mal-partijiet u lahqu ftehim fuq il-pendenzi kollha. Ir-rapprezentant tal-Valletta Cruise Port Terminal cahad kategorikament li kien hemm relazzjoni mas-socjeta' attrici u lanqas gie mistoqsi jekk Mizzi tas-socjeta' attrici ppruvax jasal fi ftehim dwar il-bilanc dovut.

Illi dan it-Tribunal qies ix-xhieda u prodotti mis-socjeta' konvenuta izda meta l-istess socjeta' ghazlet li taghmel pagament akkont u dan minghajr ebda kondizzjoni, u meta ghalkemm hija thallset is-somma ta' tlett elef sitt mija u tmienja u tmenin ewro u tmenin centezmu (€3,688.80c) mill-Valletta Cruise Port Terminal u baqghet ma ghaddietx il-flus kollha li thallset minn l-istess lis-socjeta' attrici, jwassal lil dan it-Tribunal biex ma jemminx il-verzjoni moghtija minn l-istess socjeta' konvenuta u dan stante bejn dak li ghamlet u dak li qed tikkontendi hemm bahar jaqsam.

Li ghalhekk ghandha ragun is-socjeta' attrici meta tghid li hija ma ghandhiex relazzjoni mas-socjeta' terza u dan ghax in-negozju sar bejn il-partijiet f'din il-kawza u s-socjeta' terza qatt ma kienet parti minn dan in-negozju.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef mija u erbgha u sittin ewro (€3,164) bl-imghaxijiet legali kwantu ghal bilanc dovut mill-invoice numru 57618 tat-28 ta' Marzu, 2016 mill-30 ta' Marzu, 2016 u kwantu ghal invoice numru 57716 tal-10 ta' Mejju 2016 mill-10 ta' Mejju 2016, it-tnejn sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 2379/17 a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**